**241. L-Onor. Charles Mangion MP u l-Onor. Joe Mizzi MP jipproponu li:-**

Din il-Kamra tinnota -

Li fis-seduta tal-Parlament tal-31 ta' Mejju 2006 il-Ministru Austin Gatt bl-aktar mod arroganti ammetta li b'nuqqas ta' osservanza ta' liġijiet viġenti u minħabba l-- fatt li l-Gvern għandu maġġoranza ta' ħames deputati fil-Parlament, 1-istess Gvern jista' jikser il-liġi u huwa konvint li jista' retroattivament jirratifika kull vjolazzjoni u ksur tar-regolamenti u liġijiet ta' pajjiżna.

Li 1-ammissjoni minn Ministru ewlieni tal-Gvern li 1-liġi ma ġietx osservata jikkostitwixxi abbuż sfaċċat tal-poter inaċċettabbli f'demokrazija vera u rispettabbli;

Li stqarrija bħal din twaqqa' l-ogħla istituzzjoni kostituzzjonali tal-pajjiż u tirrendi 1-Parlament bħala timbru amministrattiv ta' deċiżjonjiet tal-Gvern, huma x'inhuma;

Li dan l-aġir ma jirrispettax il-konvenzjonijiet kostituzzjonali u prinċipji bażiċi tad-demokrazija u agħar minn hekk, jinsulta lill-poplu Malti u Għawdxi li jemmen li l-Parlament huwa istituzzjoni li għandha tkun rispettata mid-deputati kollha eletti u li trid tkun imħarsa wkoll mill-Gvern;

Li l-arroganza manifestata fid-dikjarazzjoni tal-Ministru Gatt timmina r-rispett lejn waħda mill-ogħla istituzzjonjiet ta' pajjina, tirrendi f'farsa kull prinċipju ta' demokrazija, u tinsulta lis-Sedja tal-Parlament bħala istituzzjoni kostituzzjonali;

Dan kollu huwa inaċċettabbli għall-Oppożizzjoni li 1-membri tagħha ġew eletti mill-poplu u li temmen li kull membru għandu obbligu lejn il-poplu li jassigura li r-regoli u 1-konvenzjonijiet Parlamentari u l-liġijiet viġenti jiġu osservati u mħarsa u mhux abbużati.

Għaldaqstant din il-Kamra :-

Tikkundanna d-dikjarazzjoni u 1-aġir arroganti tal-Ministru Austin Gatt;

Tinsisti li l-Prim Ministru għandu mingħajr tlaqliq jikkundanna d-dikjarazzjoni tal-Ministru Austin Gatt u jirrikonferma bl-aktar mod ċar ir-rispett lejn l-istituzzjoni tal-Parlament;

Tikkonferma li 1-ksur tal-liġi kif ammetta l-Ministru Austin Gatt għandu jġorr miegħu responsabbilta' politika f'demokrazija u għalhekk il-Ministru Gatt għandu jirriżenja;

Tħeġġeġ lill-Membri Parlamentari kollha li b'rispett lejn il-ġurament meħud minnhom, jirrikonfermaw il-lealta' tagħhom lejn l-istituzzjoni tal-Parlament u l-

ħarsien tal-Kostituzzjoni.

6 ta' Ġunju 2006